MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Numru. 36/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**CARL CIANTAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Carl Ciantar ta' 23 sena, iben Carmelo u Carmen nee' Vassallo, mwieled Pieta' fil-11 ta' Settembru 1989, residenti Block D, Door A, Flat 4, Triq Pietro Gagliardi, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 421789M

Akkuzat talli:

B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Fil-lejl ta' bejn it-22 u it-23 ta' Dicembru 2012, minn gewwa il-hanut bl-isem ta' Settlers, li jinsab fi Pjazza Antoine De Paule, Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' diversi ogetti liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Michael Attard u/jew persuna/i ohra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara fil-vetrina tal-imsemmi hanut, liema hsarat huma ta' aktar minn elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin Euro centezmu (€1164.69) ghad-dannu ta' Michael Attard u/jew persuna/i ohra;

3. Fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Dicembru 2012, minn gewwa il-hanut bl-isem ta' Glitter Stationery, li jinsab Triq il-Watar, Ta' Xbiex, ikkommetta serq ta' diversi ogetti liema serq huwa aggravat, bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-detriment ta' Dennis Borg u/jew persuna/i ohra.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamlu hsara fil-vetrina tal-imsemmi hanut, liema hsarat huma ta' anqas minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) ghad-dannu ta' Anna Cassar u/jew persuna/i ohra;

5. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti

Kriminali (Malta) mill-Imhallef Dr. Laurence Quintano LL.D fid-digriet li bih tat il-helsien mill-arrest taht garanzija personali

6. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D fid-digriet tieghu datat 19 ta' Dicembru 2012 li bih ta il-helsien mill-arrest taht garanzija personali

7. Fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' **Carl Ciantar** u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li id-depozitu u il-garanzija personali, tghaddi favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579 (2) (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat **Carl Ciantar**, ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 9 tal-Process u nnutat li l-imputat Carl Ciantar m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv il-hames (5.) akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv il-hames (5.) akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li nkwantu ghas-sitt (6.) akkuza migjuba kontra l-imputat, id-depositi u l-garanziji personali diga' ghaddew favur il-Gvern ta' Malta, kif diga' ghaddew ukoll dawk tal-hames (5.) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Innutat ukoll li l-Prosekuzzjoni iddikjarat li nkwantu ghall-hames (5.) akkuza migjuba kontra l-imputat, l-imputat diga' inghata piena fuqha u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5.) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 31, 261(b), (c) u (f), 263, 267, 270, 278(3), 279(a), 325(1)(a) u (c), 49, 50, 289, 578 u 579(1), (2) u (3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Carl Ciantar, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv il-hames (5.) akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-imputat Carl Ciantar ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija u hames mitt Ewro (Ewro 500) multa.

Rigward il-hames (5.) akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat Carl Ciantar, fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Prosekuzzjoni rigward din l-imsemmija hames (5.) akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames (5.) akkuza migjuba kontra l-imputat.

Rigward is-sitt (6.) akkuza migjuba kontra l-imputat Carl Ciantar il-Qorti tirrevoka 'contrario imperio' id-digriet tal-

helsien mill-arrest datat 19 ta’ Dicembru, 2012 per Magistrat Dr. Francesco Depasquale LL.D. u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi Carl Ciantar.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna lill-imputat Carl Ciantar sabiex fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-somma ta’ elf, tlett mija u disa’ u hamsin Ewro u sittin centezmi ta’ Ewro (Ewro 1359.60) rappresentanti spejjes inkwantu ghall-Espert Joseph Mallia, PS 239 Joseph Caruana u PS 198 Arthur Debattista.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------